# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 7 ta' Diċembru, 2023.**

**Numru 1**

**Rikors numru 859/12/2 TA**

**L-Avukat Mark Refalo għan-nom u in rappreżentanza ta' Bruno Lago**

**v.**

**European Insurance Group Ltd (C-35708)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur *nomine* kontra sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Lulju, 2023, fejn din ċaħdet it-talbiet kollha tiegħu bl-ispejjeż kontrih.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tat-28 ta' Awwissu, 2012, l-Avukat Mark Refalo (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ bħala 'l-attur *nomine*') fisser li l-mandanti tiegħu Bruno Lago kien impjegat mal-kumpanija konvenuta bħala *Chairman* u direttur sa Awwissu tas-sena 2010. Tenna li skont kitba tal-1 ta' Jannar, 2010 Bruno Lago kien jirċievi paga netta ta' €30,000 fis-sena bħala direttur tal-kumpanija konvenuta. Issokta jispjega li wara li l-bord tad-diretturi kien irriżenja, il-kumpanija konvenuta żammet is-servizzi ta' Bruno Lago bħala direttur institur (*managing director*) għal xahrejn u dan sakemm inħatar amministratur għall-kumpanija konvenuta. Huwa sostna li Bruno Lago għadu ma tħallasx mill-kumpanija konvenuta ta' dak li huwa dovut lilu għax-xogħol u għas-servizzi mwettqa minnu minn Ġunju sa Ottubru tas-sena 2010. Jisħaq li l-kumpanija konvenuta għadha trid tħallas lil Bruno Lago l-ammont totali ta' €26,774.21, li huwa maqsum hekk: (i) fi €11,215 bħala paga għal tliet xhur minn Ġunju 2010 sa Awwissu 2010, meta huwa kien jokkupa l-kariga ta' *Chairman* u direttur tal-kumpanija konvenuta; (ii) f'€14,954 għas-servizzi mwettqa minnu bejn Settembru u Ottubru 2010, bħala direttur institur tal-kumpanija; u (iii) f'€605.21 għal spejjeż magħmula minnu fl-interessi tal-kumpanija konvenuta bejn Ġunju u Ottubru 2010, liema spejjeż huma dovuti lilu skont deċiżjoni tal-membri tal-kumpanija meħuda fit-13 ta' Mejju, 2010.

3. Għalkemm il-kumpanija konvenuta ġiet imsejħa biex tħallas dak dovut lil Bruno Lago, dan baqa' ma rċieva l-ebda ħlas. Għalhekk l-attur *nomine* fetaħ din il-kawża u talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas l-ammont ta' sitta u għoxrin elf, seba' mija erbgħa u sebgħin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€26,774.21) flimkien mal-imgħax legali skont il-liġi sad-data tal-ħlas effettiv;*
>
> *Bl-ispejjeż inkluż ta' l-ittra uffiċjali numru 1678/2012 u l-inġunzjoni in subizzjoni tal-intimati, b'riżerva għal kull ammont ieħor li talvolta jista' jkun dovut.»*

4. Fil-15 ta' Ottubru, 2012, ressaq it-tweġiba maħlufa tiegħu l-likwidatur tal-kumpanija konvenuta, Brian Tonna, fejn qal hekk:

> *«1. It-talba għall-kundanna ta' ħlas fir-rikors ġuramentat hija intempestiva in kwantu qed issir fi żmien il-proċess tal-istralċ tas-soċjetà intimata.*
>
> *2. Mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni hawn fuq imsemmija, is-soċjetà intimata għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex l-attur ma talabx u sussegwentement ottjena l-permess ta' din l-Onorabbli Qorti biex jistitwixxi din l-azzjoni kif jirrikjedi l-artikolu 224(2) tal-Kap 386, liema artikolu japplika għall-EIG mutatis mutandis bis-saħħa tar-regolament 10(2) tar-Regolamenti dwar Insurance Business (Reorganisation and Winding Up of Insurance Undertakings) li jipprovdi li: «Without prejudice to the provisions of articles 28, 41 and 42 of the Act, a Maltese insurance undertaking shall dissolve and consequentially wind up, under and in accordance with the Companies Act.»*
>
> *3. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attur Bruno Lago kien direttur ta' EIG minn April 2009 sa Awwissu tal-2010 (kopji tal-Form Ks hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok. EIG1', u 'Dok. EIG2' li permezz tagħhom skont kif meħtieġ ai termini tal-Kap.386, ir-Reġistratur tal-Kumpaniji ġie notifikat bir-riżenja tad-diretturi, fosthom Bruno Lago) u EIG saret insolventi taħt il-ġestjoni tiegħu u tad-diretturi l-oħra, u dan b'riżultat ta' atti u ommissjonijiet tiegħu u ta' oħrajn. Bruno Lago m'għandux jitħallas ta' dak li qed jippretendi u l-EIG tirriżerva d-dritt li tmexxi kontrih fir-rigward tal-atti u l-ommissjonijiet tiegħu.*
>
> *4. Għaldaqstant, in vista tas-suespost, it-talba tal-attur għandha tiġi miċħuda.*

*5. Salv eċċezzjonijiet oħra jekk ikun il-każ.*

*6. Bl-ispejjeż.»*

5. B'rikors imressaq fit-3 ta' Lulju, 2013, l-attur *nomine* talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tagħtih permess sabiex jissokta b'din il-kawża kontra l-kumpanija konvenuta skont l-**Artikolu 224(2) tal-Att dwar il-Kumpaniji**. Dan ir-rikors ġie miċħud b'digriet tat-8 ta' Ottubru, 2013.

6. B'sentenza tat-28 ta' Ottubru, 2014, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddikjarat li l-azzjoni mressqa mill-attur *nomine* hija bi ksur tal-**Artikolu 224(2) tal-Att dwar il-Kumpaniji** minħabba li dan ma talabx u ma kisibx l-awtorizzazzjoni meħtieġa li hemm imsemmija fil-liġi.

7. L-attur *nomine* appella minn din is-sentenza fl-14 ta' Novembru, 2014. B'sentenza tat-23 ta' Novembru, 2020, il-Qorti tal-Appell ħassret kemm id-digriet tat-8 ta' Ottubru, 2013 u kif ukoll is-sentenza tat-28 ta' Ottubru, 2014 u bagħtet l-atti lura lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tkompli bis-smigħ tal-kawża, billi fl-ewwel lok tiddeċiedi jekk l-attur *nomine* għandux jingħata l-permess sabiex ikompli miexi bil-kawża tiegħu.

8. B'sentenza oħra tat-28 ta' Marzu, 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili astjeniet milli tiddeċiedi l-kwistjoni dwar jekk l-attur *nomine* għandux jingħata permess biex jissokta bil-kawża tiegħu u ddikjarat li kienet sejra

tiddeċiedi dwarha definittivament wara li tisma' l-provi fir-rigward. Eventwalment, l-awtorizzazzjoni meħtieġa ngħatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili lill-attur *nomine* b'digriet mogħti waqt is-seduta tad-29 ta' Mejju, 2023.

9. Imbagħad, b'sentenza finali mogħtija fit-13 ta' Lulju, 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża billi ċaħdet it-talbiet kollha tal-attur *nomine* bl-ispejjeż kontrih.

10. Ir-raġunijiet mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għaliex iddeċidiet il-kawża b'dan il-mod kienu dawn:

> «***Konsiderazzjonijiet***
>
> *1. Din hija saga, li ilha għaddejja għal dawn l-aħħar ħdax-il sena, li tirrigwarda pretensjoni ta' ħlas da parti tal-attur kontra s-soċjetà konvenuta konsistenti f'remunerazzjoni, servizzi li rrenda u spejjeż li nkorra fl-interess tas-soċjetà għall-perjodu li kien baqa' Direttur tas-soċjetà konvenuta. Fost l-oħrajn jinsisti li hu għandu paga ta' tletin elf ewro (€30,000) fis-sena u dan skont skrittura privata tal-1 ta' Jannar 2010. Jgħid li huwa għandu jieħu b'kollox sitta u għoxrin elf seba' mija u erbgħa u sebgħin ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu tal-ewro (€26,774.21).*
>
> *2. Dan l-ammont jikkonsisti fis-segwenti:*
>
> *i. Ħdax-il elf mitejn u ħmistax-il ewro (€11,215) jirrappreżentaw paga ta' tliet xhur minn Ġunju sa Awwissu 2010.*
>
> *ii. Erbatax-il elf disa' mija erbgħa u ħamsin ewro (€14,954) paga ta' tliet xhur bħala Managing Director għal xahrejn minn Settembru sa Ottubru 2010.*
>
> *iii. Sitt mija u ħames ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€605.21) spejjeż inkorsi mill-attur bejn il-perjodu minn Ġunju sa Ottubru, u dan skont deċiżjoni tal-membri tal-kumpanija tat-13 ta' Mejju 2010.*

*3. Bħala fatti importanti din il-Qorti tissenjala s-segwenti:*

*4. Michael Spiteri Bailey assuma l-funzjoni ta' stralċjarju tas-soċjetà konvenuta flok Brian Tonna (a fol 168). Brian Tonna irriżenja fil-11 ta' Novembru 2020 (a fol 165).*

*5. Michael Spiteri Bailey jixhed, fuq mistoqsija tal-Qorti jekk l-attur hux wieħed mill-kredituri u wieġeb li le u li qatt ma għamlilhom talba biex jitħallas. Iżda jirriżulta wkoll, li l-attur mhux jiġi rikonoxxut għaliex il-likwidatur qiegħed isostni li dan kien parti mill-frodi u dwar liema fatt hemm kawżi pendenti (a fol 169). Il-likwidatur Brian Tonna kien qal l-istess ħaġa (a fol 147). B'danakollu kull proċedura li kien hemm kontra l-attur fl-Italja ġew arkivjati (ara a fol 61). Dan ifisser li l-każ waqa' u ma jidhirx li qatt ittieħdu xi proċeduri kriminali kontra l-attur f'Malta.*

*6. Jirriżulta wkoll, li fl-4 ta' Awwissu d-ditta ta' awdituri, Deloitte, ġiet maħtura bħala Amministratur bil-fakultajiet imsemmija fl-artikoli 28(2)(b) u (2)(ċ) tal-Kap 403 tal-Liġijiet ta' Malta (a fol 28) u kif ukoll bil-poteri wesgħin kif elenkati fid-dokument appożitu (a fol 28 u 29). Il-ħatra ta' din id-ditta baqgħet sakemm ġie maħtur Brian Tonna bħala likwidatur (a fol 32).*

*7. Hija ta' importanza partikolari r-riżenja tal-attur minn dik ta' "Director, Chairman of the Board of Directors and Managing Director" b'effett mis-6 ta' Awwissu 2010 (a fol 38).*

*8. Għalhekk dak li qiegħed jitlob l-attur irid jitqies fid-dawl ta' dawn il-fatti.*

*<u>Il-paga</u>*

*9. Il-Qorti tibda biex tirrileva li t-talba qed tintalab abbażi tal-iskrittura tal-1 ta' Jannar 2010. Din l-iskrittura qatt ma ġiet esibita u ma saru ebda mistoqsijiet dwarha lill-istralċjarju Michael Spiteri Bailey.*

*10. L-attur però ppreżenta xi FS3s tat-taxxa dwar flejjes li kien irċieva mingħand is-soċjetà konvenuta (a fol 4 sa 7). Għal dik li tkopri l-perjodu mill-1 ta' Marzu 2010 sal-5 ta' Awwissu 2010 l-ammont gross ta' emoluments mingħajr ma tissemma paga, huwa dak ta' €18,692 (a fol 4). Issa kieku huwa minnu li s-salarju gross kien ta' €30,000, kif wara kollox jgħid l-istess attur, allura l-ammont li kellu jkun dovut huwa dak ta' €12,500 u ċjoè €2500 fix-xahar. Għalhekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-ammont fl-FS3 inkwistjoni ma jirreferix neċessarjament għal paga iżda xi ħaġa oħra.*

*11. Apparti dan, id-dokumenti l-oħrajn, ma jirreferux għal xi tip ta' paga jew salarju iżda biss Director's Fees (a fol 5 sa 7). Għalhekk, abbażi ta' dawn id-diskrepanzi u fl-assenza tal-iskrittura msemmija sabiex din il-Qorti setgħet tikkontrolla dak li qiegħed ikun mitlub, dan l-ammont mhux aċċettat minn din il-Qorti li huwa dovut.*

*<u>Paga ta' Managing Director</u>*

*12. Jirriżulta ċar li l-attur irriżenja minn din il-kariga b'effett mis-6 ta' Awwissu 2010. Mela mill-ewwel jidher, li għall-perjodu li qiegħed jirriklama, l-attur ma kienx għadu f'din il-kariga u kwindi ma kienx hemmm lok li jiġi remunerat għal daqshekk. Di fatti, b'ittra uffiċjali tal-5 ta' Settembru 2012 tal-istralċjarju lill-attur, dan il-fatt inġieb a konjizzjoni tiegħu (a fol 37). Lanqas ma l-Attur jgħid kif wasal għal din iċ-ċifra.*

*13. Apparti dan, kif diġà rilevat f'dan il-perjodu kien hemm diġà Deloitte bħala Ammistraturi li ġew appunatati mir-regolatur abbażi tal-artikoli 28(2)(b) u (2)(ċ) tal-Kap 403 tal-Liġijiet ta' Malta. Warajhom kien hemm l-istralċjarju. Daqqa t'għajn lejn dawn l-artikoli u l-ittra ta' ħatra jindikaw ċar li ma kienx hemm aktar il-ħtieġa ta' managing director li għalhekk l-attur kien għadu jokkupa din il-kariga huwa inverosimili għall-aħħar, aktar u aktar meta jidher li l-istralċjarji kienu qegħdin jaddebitaw lill-Attur motivi ta' operazzjoni frawdolenti.*

*14. Għalhekk anke din it-talba ser tkun miċħuda.*

*<u>Spejjeż li l-attur għamel fl-interess tas-soċjetà konvenuta</u>*

*15. Dwar dawn l-ispejjeż l-attur jgħid li dawn għamilhom bis-saħħa ta' deċiżjoni tal-membri tal-Kumpanija tat-13 ta' Mejju 2010. Dwar din id-deċiżjoni ma nġabet ebda prova. Meta xehed l-istralċjarju Michael Spiteri Bailey ma sarulu ebda mistoqsijiet dwar dan ir-rigward. Il-fatt li ġew esibiti d-dokumenti msemmija, il-Qorti ma tistax toqgħod fuq il-kelma tal-attur daqslikieku vanġelu u li dawn tassew jirrappreżentaw spejjeż li ġew inkorsi fl-interess tas-soċjetà konvenuta, partikolarment meta dawn saru f'dati meta l-attur kien diġà rriżenja minn kull kariga li kellu fis-soċjetà konvenuta. Dan l-infieq kollu sar wara s-6 ta' Awwissu 2010 u ċjoè d-data ta' riżenja.*

*16. Fl-aħħar nett jingħad li jibqa' dejjem prinċipju tad-dritt li l-parti attriċi f'kawża għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka (Ara Sentenza tal-Qorti tal-**App. Inf. tat-12 ta' Jannar, 2001 fl-ismijiet Hans J. Link et -vs- Raymond Mercieca**).*

*17. Fil-fatt ġie ribadit li jekk il-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka.*

*18. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma*

> *jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l pretensjonijiet tagħha (**Ara Sentenza tal-App. Inf. tas-7 ta' Mejju 2010 fl-ismijiet Emanuel Ellul et -vs- Anthony Busuttil**). Huwa minħabba f'hekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova u dan skont kif jitolbu Artikoli 562 u 559 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Issa kif rajna, l-attur f'żewġ okkażjonijiet naqas li jressaq l-aħjar prova u ċjoè l-iskrittura tal-1 ta' Jannar 2010 kwantu għal paga u d-deċiżjoni tal-membri tas-soċjetà konvenuta tat-13 ta' Mejju 2010 kwantu għall-ispejjeż li l-Attur jgħid li għamel fl-interess tas-soċjetà konvenuta.»*

11. L-attur *nomine* appella minn din is-sentenza fil-11 ta' Awwissu, 2023 u ressaq aggravju wieħed fejn fih ilmenta li l-Ewwel Qorti ma messhiex imponiet fuqu l-obbligu li jġib prova ta' fatti li ma kinux ikkontestati u li saħansitra ġew ammessi mil-likwidatur tal-kumpanija konvenuta.

12. L-istralċjarju tal-kumpanija konvenuta wieġeb għal dan l-appell fit-30 ta' Ottubru, 2023, u hemmhekk ta r-raġunijiet tiegħu għalfejn huwa jemmen li l-appell tal-attur *nomine* għandu jiġi miċħud.

13. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

14. Fl-aggravju waħdieni tiegħu, l-attur *nomine* jisħaq li huwa ma kellu

l-ebda ħtieġa li jressaq provi dwar fatti li ma kinux ikkontestati mil-likwidatur tal-kumpanija konvenuta, Michael Spiteri Bailey. Itenni li l-kontestazzjoni tal-likwidatur dwar il-ħlasijiet dovuti hija waħda purament legali. Jgħid li kemm hu hekk, matul is-smigħ tal-kawża l-likwidatur ikkonferma li t-talba għall-ħlas min-naħa tal-attur ma kinitx ġiet rikonoxxuta mill-kumpanija konvenuta minħabba li skontha huwa kien ħati ta' kummerċ bi frodi u responsabbli għall-falliment tagħha.

15. Ifisser li b'hekk, il-kumpanija konvenuta mhux qiegħda tgħid li l-attur m'għamilx ix-xogħol iżda li x-xogħol sar ħażin, u b'hekk il-piż li ġġib prova dwar din l-allegazzjoni kien jaqa' fuq il-kumpanija konvenuta. Madankollu, l-attur *nomine* jsostni li l-likwidatur tal-kumpanija konvenuta ma ressaqx imqar prova waħda ta' dawn l-allegazzjonijiet, tant li mill-provi jirriżulta li fil-proċeduri li kienu nġabu kontrih fl-Italja huwa kien ġie meħlus minn kull imputazzjoni ta' ħtija. Minbarra dan, huwa jgħid li l-kumpanija konvenuta ma ġabet l-ebda prova li huwa kien jaħti għall-falliment tagħha.

16. L-attur *nomine* jissokta jgħid li s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) li għamlet referenza għalihom l-Ewwel Qorti ma jgħoddux għal dan il-każ għaliex f'kawżi quddiem qrati ta' kompetenza inferjuri l-attur ma jiddikjarax bil-ġurament tiegħu l-fatti tal-każ u l-kawża tinstema' b'mod sommarju. Jisħaq li dan il-każ huwa differenti minn dawk maqtugħa f'dawk is-sentenzi għaliex huwa kien ikkonferma l-fatti kollha li

ddikjara fir-rikors maħluf tiegħu bil-ġurament u kompla jixhed dwarhom fl-affidavit tiegħu. Huwa jargumenta li d-dikjarazzjonijiet ġuramentati tiegħu baqgħu ma ġewx imwaqqa' mill-kumpanija konvenuta u jagħmlu prova xierqa ta' dak li qiegħed jitlob. Itenni jgħid li l-piż li jipprova l-każ tiegħu jaqa' fuqu biss fir-rigward tal-fatti li jkunu ġew ikkontestati min-naħa l-oħra. Madankollu, skontu l-kumpanija konvenuta ma kkontestatx il-fatti kif imressqa minnu għaliex id-difiża tagħha hija waħda legali u mhux fattwali.

17. Ifisser ukoll li l-Ewwel Qorti naqset milli tagħti piż lill-FS3s, li huwa ppreżenta flimkien ma' dak li ddikjara fl-affidavit tiegħu. Skont l-attur *nomine* dawn id-dokumenti juru biċ-ċar li l-paga netta tiegħu, meta huwa kien direttur tal-kumpanija konvenuta, kienet ta' €2,500 fix-xahar, iżda kien hemm ftehim verbali biex din tiżdied minħabba li l-irwol tiegħu kien inbidel minn wieħed *part-time* għal wieħed fejn huwa ħa r-riedni tal-kumpanija konvenuta f'idejh biex isalvaha. Huwa jagħlaq billi jgħid li fejn hemm kuntratt ta' impjieg, l-impjegat m'għandux obbligu li jġib prova tax-xogħol li jkun għamel sabiex jitħallas. Mod ieħor, huwa l-prinċipal li jrid jagħti raġunijiet tajba fil-liġi biex ma jħallasx lill-impjegat tiegħu.

18. Din il-Qorti tqis li huwa prinċipju kardinali f'materja ta' provi li: *ei incumbit probatio qui dicit, non qui negat*. Maqlub għall-Malti, dan il-prinċipju jfisser li l-piż tal-prova jaqa' f'ħoġor dak li jkun qiegħed jistqarr fatt u mhux fuq dak li jkun qiegħed jiċħdu (ara wkoll l-**Artikolu 562 tal-**

**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**). Huwa l-obbligu ta' min iressaq kawża quddiem il-Qorti li jippreżenta d-dokumenti kollha li huma rilevanti għall-każ tiegħu. Dan il-piż jitneħħa biss f'xi eċċezzjonijiet, b'dana li sakemm ma tkunx tapplika xi eċċezzjoni bħal dik, ikun jorbot lill-parti li tressaq provi, mhux biss dwar xi wħud mill-aspetti tal-każ, iżda wkoll dwar dawk l-aspetti kollha li jeħtieġu li jkunu ppruvati u li l-liġi tgħid li ma jagħmlux prova fihom infushom (ara ***Joseph Mary Debono v. Alfred Degiorgio et*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Frar, 2006).

19. Kif qalet tajjeb l-Ewwel Qorti, skont l-ordni loġiku tar-regoli probatorji, kien jaqa' fuq l-attur *nomine* l-obbligu li fl-ewwel lok jipprova b'mod xieraq l-allegazzjoni ċentrali tiegħu, li l-kumpanija konvenuta hija midjuna ma' Bruno Lago. Sakemm dan l-attur *nomine* ma jagħmlux, il-kumpanija konvenuta tibqa' tgawdi mill-prinċipju li l-piż tal-prova huwa l-ewwel mixħut fuq l-attur *nomine*. Huwa biss f'każ li l-attur *nomine* jkun irnexxielu mqar jistabbilixxi t-teżi tiegħu fuq bażi *prima facie* li mbagħad il-piż tal-prova jdur fuq il-kumpanija konvenuta (ara ***Joseph Camilleri v. Emanuel Calleja*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-20 ta' Jannar, 2003).

20. Barra minn hekk, jinsab provdut fl-**Artikolu 559 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** li l-partijiet fil-kawża għandhom l-obbligu li jressqu quddiem il-Qorti l-aħjar prova. Għalkemm fl-istess

artikolu tal-liġi jingħad li l-Qorti għandha l-jedd li titlob li titressaq l-aħjar prova, dan ma jfissirx li l-Qorti għandha xi obbligu li tmexxi l-provi tal-partijiet hija stess (ara ***Nicola Ciantar & Sons Limited v. General Provisions Company Limited*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' April, 2009 u ***Middlesea Insurance plc v. Spot On Gypsum Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar, 2021).

21. Madankollu, huwa fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tiddetermina f'kull kawża partikolari, u skont iċ-ċirkostanzi pertinenti għal dik il-kawża, liema prova tilħaq il-grad li jista' jissejjaħ "l-aħjar" (ara ***Rosario Spiteri v. Michele Mifsud*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fit-30 ta' Ottubru, 1953, ***Fibermar Co. Ltd v. Vassallo Builders Ltd*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Novembru, 2004 u ***Costantino Abela v. George Azzopardi*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Ottubru, 2005). Kemm hu hekk, hemm qbil fil-ġurisprudenza tagħna li jista' jkun hemm ċirkostanzi speċjali li jistgħu jiġġustifikaw lill-Imħallef biex ma joqgħodx fuq l-aħjar prova iżda joqgħod fuq provi oħra li jissodisfawh (ara ***Maria Cassano et v. Filippo Pellegrini et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' April, 1937, ***Dentrade Company Limited v. Jason Briffa*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar, 2008 u ***Myriam Fenech Adami v. Anna Gatt et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ottubru, 2022).

22. Bil-maqlub ta' dak li jisħaq l-attur *nomine*, fil-każ tagħna m'hemm l-

ebda ammissjoni ta' dak allegat minnu min-naħa tal-likwidatur, li qiegħed jidher f'din il-kawża f'isem il-kumpanija konvenuta. Anzi, fl-eċċezzjonijiet tal-kumpanija konvenuta, hemm ċaħda totali min-naħa tagħha li hija għadha trid tagħmel xi ħlasijiet lil Bruno Lago. Huwa minnu li l-attur Bruno Lago għamel xi dikjarazzjonijiet dwar dak li jgħid li kien jaqla' mingħand il-kumpanija konvenuta, kemm fir-rikors maħluf u kif ukoll fl-affidavit tiegħu. Madankollu, irid jingħad li sempliċi dikjarazzjonijiet li ma jkunux sostnuti minn provi oħra konkreti, diffiċli jnisslu fil-ġudikant dak il-konvinċiment meħtieġ sabiex l-allegazzjonijiet jingħataw il-kredibbiltà meħtieġa.

23. Bil-kontra ta' dak li jargumenta l-attur *nomine* fir-rikors tal-appell tiegħu, fl-għeluq tal-kwistjoni li kellha quddiemha, l-Ewwel Qorti ma kinitx tiddependi fuq kemm il-kumpanija konvenuta rnexxielha twaqqa' l-kredibbiltà ta' xi dikjarazzjoni magħmula minnu, iżda pjuttost fuq kemm l-istess dikjarazzjoni ġiet imsaħħa minn provi oħra ġenwini u konkreti (ara ***John Mercieca et v. Andreanna Saliba*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fil-11 ta' Frar, 2004). Wara kollox, il-kawżi jiġu deċiżi fuq provi u mhux fuq sempliċi dikjarazzjonijiet unilaterali tal-parti (ara ***Fimbank p.l.c. v. Arex LLP et nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru, 2023).

24. Ir-rikors maħluf tal-attur *nomine* jitlaq bil-premessa li l-attur Bruno

Lago kien impjegat mal-kumpanija konvenuta bħala *Chairman* u direttur institur, u li huwa kien jirċievi mingħandha l-paga ta' €30,000 fis-sena skont kitba tal-1 ta' Jannar, 2010. Għal raġunijiet li jafhom biss l-attur *nomine*, dan għażel li ma jressaqx bħala prova l-imsemmija kitba, li fuqha huwa qiegħed isejjes it-talba tiegħu biex jitħallas il-paga ta' bejn Ġunju u Awwissu 2010 mingħand il-kumpanija konvenuta għax-xogħol li jgħid li huwa wettqilha bħala direttur institur.

25. Minflok, huwa għażel li jressaq biss kopja ta' tliet FS3s, li jagħtu ħjiel li huwa kien qiegħed jirċievi s-somma netta ta' madwar €2,500 fix-xahar bħala l-miżata ta' direttur. Imbagħad fl-affidavit tiegħu, huwa spjega li skont ftehim verbali li kien intlaħaq, b'effett minn Ġunju tas-sena 2010, huwa kellu jitħallas il-paga ta' €7,500 kull xahar għax-xogħol li jgħid li wettaq bħala direttur institur tal-kumpanija; għalkemm mill-istess affidavit mhuwiex ċar ma' min intlaħaq dan il-ftehim verbali.

26. Din id-dikjarazzjoni tal-attur Bruno Lago toħloq konfużjoni sħiħa fir-rigward tal-ammont ta' ħlas li huwa qiegħed jitlob mingħand il-kumpanija konvenuta għall-perjodu tat-tliet xhur imsemmija. Sewwasew, li kieku dak li allega l-attur Bruno Lago huwa minnu, it-total dovut lilu għal dawn it-tliet xhur ma kienx ikun dak ta' €11,215, li huwa qiegħed jippretendi fir-rikors maħluf tiegħu, iżda dak ta' €22,500. Dan jitfa' dubju serju fuq il-kredibbiltà tal-attur u dak li qiegħed jallega.

27. F'kull każ, jibqa' l-fatt li l-attur baqa' ma ressaqx bħala prova l-imsemmija kitba tal-1 ta' Jannar, 2010 u lanqas ressaq lil xi membru jew direttur preċedenti tal-kumpanija konvenuta bħala xhud sabiex jikkonferma li l-ftehim verbali dwar il-paga tal-attur kien seħħ tassew. B'hekk din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, hija nieqsa minn tagħrif essenzjali biex tqis is-siwi tat-talba tiegħu biex jitħallas paga għax-xhur ta' bejn Ġunju u Awwissu 2010.

28. Meta parti tallega ksur ta' ftehim bil-miktub, il-provi relattivi jistgħu jinġiebu permezz ta' xhieda. Madankollu, meta l-aħjar prova tkun l-istess kitba, il-Qorti bir-raġun għandha tinsisti għall-produzzjoni ta' dik l-aħjar prova sakemm ma jiġix ippruvat li dik il-kitba tkun inqerdet jew mhijiex produċibbli (ara ***Nicola Ciantar & Sons Limited v. General Provisions Company Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' April, 2009).

29. Fil-każ tagħna, l-attur *nomine* ma ndenja jagħti l-ebda spjegazzjoni għaliex huwa naqas li jippreżenta kopja tal-imsemmija kitba bħala prova fl-atti tal-kawża, la quddiem l-Ewwel Qorti u lanqas fir-rikors tal-appell tiegħu. Tassew, huwa fl-ebda waqt ma fisser li din il-kitba m'għadhiex f'idejh jew li pereżempju din intremiet bi żball (ara ***Estate Catering Houseware Enterprises v. Sergio Manché et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru, 2023), jew saħansitra semma xi ċirkostanza

speċjali li wasslitu fl-impossibiltà li jipproduċi din il-kitba. Kienet għalhekk siewja l-Ewwel Qorti meta hija ċaħdet it-talba tal-attur għall-ħlas ta' paga ta' direttur għax-xhur ta' bejn Ġunju u Awwissu 2010 minħabba li huwa ma ressaqx il-kitba tal-1 ta' Jannar, 2010.

30. Fuq kollox, l-attur *nomine* ma fissirx fiex kien jikkonsisti x-xogħol li suppost wettaq f'dawk it-tliet xhur u b'hekk il-Qorti m'għandha l-ebda prova tax-xogħol li twettaq minnu matul dawk ix-xhur. B'hekk, fuq is-saħħa tal-prinċipju li *omnia labor optat premium*, ma jista' jkun hemm ebda ħlas dovut lilu ġaladarba huwa ma ġabx prova li dak ix-xogħol tassew twettaq (ara ***Thomas Engelhardt nomine v. Hyperion Aviation Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 2022).

31. L-istess għandu jingħad dwar it-talba tal-attur *nomine* biex Bruno Lago jitħallas mill-kumpanija konvenuta l-ammont ta' €605.21 fi spejjeż li huwa jgħid li għamel f'isimha. Fir-rikors maħluf tiegħu, l-attur *nomine* jisħaq li dawn l-ispejjeż twettqu minn Bruno Lago fuq deċiżjoni tal-membri tal-kumpanija konvenuta li ttieħdet fit-13 ta' Mejju, 2010. Minkejja dan, huwa ma ġab ebda prova ta' din id-deċiżjoni. Huwa seta' mqar ippreżenta kopja tar-riżoluzzjoni li allegatament ittieħdet f'dan ir-rigward jew ħarrek lil xi wieħed minn dawn il-membri sabiex jikkonferma li tassew ittieħdet din id-deċiżjoni. Madankollu, l-attur *nomine* m'għamel xejn minn dan u b'hekk huwa baqa' ma ġab ebda prova li din id-deċiżjoni tassew ittieħdet.

32. Minkejja ż-żmien twil mogħti lill-attur *nomine* biex iressaq provi tajbin, huwa naqas li jinqeda b'din l-opportunità. Fil-każ tiegħu, skont l-**Artikoli 599** u **562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, din ma kinitx biss opportunità iżda wkoll dmir, jekk kemm-il darba kellu tassew xi interess li jwassal il-kawża tiegħu fil-port. In-nuqqas ta' twettiq ta' dmir bħal dak, inissel il-massima li *actore non probante, reus absolvitur i.e.* jekk l-attur ma jġibx provi allura l-konvenut għandu jiġi meħlus (ara ***Nicholas sive Lino Debono nomine v. Sabah Sufou et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-28 ta' Frar, 1997 u ***Joseph Camilleri v. Paul Abela et*** maqtugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru, 2011). Jiġi b'hekk li l-Ewwel Qorti ma kellha ebda ħtieġa li tistħarreġ is-siwi tal-eċċezzjonijiet l-oħra mressqa mill-kumpanija konvenuta.

33. Fuq kollox, l-Ewwel Qorti nnutat tajjeb li l-irċevuti mressqa mill-attur *nomine* bħala prova ta' dawn l-ispejjeż, ilkoll huma datati wara s-6 ta' Awwissu, 2010, jiġifieri l-ġurnata li fiha l-attur Bruno Lago rriżenja minn *Chairman* u direttur institur tal-kumpanija. Għalhekk, ma jinftehimx kif l-attur spiċċa jagħmel spejjeż f'isem il-kumpanija konvenuta meta huwa ma kien għad kellu xejn x'jaqsam mat-tmexxija jew mal-operat tagħha.

34. Dan l-argument isib applikazzjoni wkoll f'dak li għandu x'jaqsam

mal-talba tal-attur *nomine* sabiex Bruno Lago jitħallas l-ammont ta' €14,954 għas-servizzi li huwa jgħid li twettqu minnu bħala direttur institur tal-kumpanija konvenuta bejn ix-xhur ta' Settembru u Ottubru tas-sena 2010. Kif rajna, f'dak iż-żmien l-attur Bruno Lago kien diġà rriżenja mill-kariga tiegħu ta' direttur institur tal-kumpanija konvenuta. Kemm hu hekk, dakinhar stess tar-riżenja tiegħu, jiġifieri fis-6 ta' Awwissu, 2010, l-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji ħatret lill-kumpanija ta' kontabbli u awdituri, Deloitte, sabiex skont l-**Artikoli 28(1)(ċ)** u **(d) tal-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni**, din: (i) tieħu f'idejha r-riedni tal-kumpanija konvenuta fl-interessi ta' dawk assigurati minnha, u tal-kredituri u tal-azzjonisti tagħha, u (ii) tieħu f'idejha l-kontroll tan-negozju tal-kumpanija konvenuta skont id-direzzjonijiet tal-istess Awtorità.

35. Meqjus dan, huwa ferm ċar li matul ix-xhur ta' Settembru u Ottubru, 2010, it-tmun tal-kumpanija konvenuta ma kienx f'idejn l-attur Bruno Lago iżda f'idejn il-kumpanija Deloitte u għalhekk l-attur fiż-żgur ma jistax jgħid li huwa wettqilha xi servizzi bħala direttur institur matul dak iż-żmien.

36. Jiġi b'hekk, li l-Ewwel Qorti kienet siewja wkoll meta hija ċaħdet it-talba tal-attur *nomine* sabiex il-kumpanija konvenuta tħallas lil Bruno Lago kemm l-ispejjeż ta' €605.21, kif ukoll l-ammont ta' €14,954 għas-servizzi li huwa allega li wettqilha. Għalhekk, fid-dawl ta' dak hawn fuq spjegat, l-appell tal-attur *nomine* qiegħed jiġi miċħud kollu kemm hu.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell tal-attur Bruno Lago, bl-ispejjeż kollha kontrih. L-ispejjeż tal-kawża jistgħu jinġabru wkoll mingħand l-Avukat Mark Refalo bħala l-mandatarju maħtur mill-attur skont l-**Artikolu 1005 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da